MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1002/2004

**The Glaselan Trading Company Limited**

**vs**

**Noel Households Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta' Mejju, 2004 fejn gie mitlub li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet mija wiehed u sebghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm371.80) bilanc fuq somma akbar rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lis-socjeta` konvenuta fuq ordni taghha stess, kollox skond ma jidher mill-i*Statement of Account* annes ma' l-Avviz u mmarkat bhala Dok. A.

Bl-imghax mid-data tal-konsenja u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tliet mija wiehed u sebghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm371.80), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------